Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.10688 – AXA / ATALANTE)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2022/C 172/04)

1. Fl-20 April 2022, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— AXA SA ("AXA", Franza), permezz tas-sussidjarji tagħha AXA France IARD SA ("AXA France IARD", Franza) u AXA IM SA ("AXA IM", Franza), u

— Atalante SAS ("Atalante", Franza).

AXA, permezz tas-sussidjarji tagħha AXA France IARD u AXA IM, biħsiebha takkwista l-kontroll esklużiv ta' Atalante skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— AXA huwa grupp tal-assigurazzjoni globali attiv f'tipi ta' assigurazzjoni tal-ħajja, tas-saħħa u tipi oħra ta' assigurazzjoni, kif ukoll fil-ġestjoni tal-assi.

— Atalante hija prinċipalment attiva fil-ġestjoni ta' portafolli individwali jew kollettivi u strumenti finanzjarji f'isem partijiet terzi.

3. Wara analiżi preliminari, il-Kummissjoni ssib li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]), jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata f'dan l-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Dawn il-kummenti jenħtieġ li jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja tiġi speċifikata dejjem:

M.10688 – AXA / ATALANTE

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz ta' ittra elettronika, bil-fax jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Fax +32 22964301

Indirizz:

Il-Kummissjoni Ewropea
Id-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Ir-Reġistru tal-Fużjonijiet
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.